**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 26 ta' April, 2018**

**Referenza Kostituzzjonali Nru: 71/2016 AF**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Silvio Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-11 ta' Lulju 2016 (Maġistrat Anthony G. Vella) li permezz tagħha dik il-Qorti wara li semgħet lid-difiża u lill-Avukat Ġenerali ordnat illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat:

> *"Jekk il-fatt illi dawn il-proċeduri qed jitwalu minħabba li x-xhud Inge Delfosse, li hi l-uniku xhud li fadal tal-Prosekuzzjoni, ma tridx tixhed f'dawn il-proċeduri għax hemm il-possibilita li tinkrimina ruħha u minħabba f'hekk l-Avukat Ġenerali, ma jistax joħroġ l-Att tal-Akkuża mingħajr ix-xhieda ta' din ix-xhud, bil-konsegwenza li din il-kawża*

*ma tistax titkompla u tintemm skont il-liġi, jilleddix id-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġeb illi:

Permezz tad-Digriet tal-11 ta' Lulju 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghamlet referenza lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex "*tghid jekk il-fatt illi dawn il-proceduri qed jitwalu minhabba li x-xhud Inge DelFosse, li hi l-unika xhud li fadal tal-Prosekuzzjoni, ma tridx tixhed f'dawn il-proceduri ghax hem mil-possibilita' li tinkrimina ruhha u minhabba f'hekk l-Avukat Generali, ma jistax johrog l-Att tal-Akkuza minghajr ix-xhieda ta' din ix-xhud, bil-konsegwenza li din il-kawza ma tistax titkompla u tintemm skont il-ligi, jilledix id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq a tenur tal-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 (1) u 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta".*

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi gialadarba r-referenza kostituzjonali hija mibnija fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, tali referenza kostituzzjonali hija wahda prematura. Dan qieghed jinghad stante li s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tigi zvantaggjata waqt is-smigh tal-procedura kriminali. Illi f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati *in vacuo*;

   Illi gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita' tieghu. Bhala regola, sabiex jkun jista' jigi

apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru izda irid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara *Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Illi l-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigh xieraq minhabba li l-esponent qieghed jinsisti li tinstema' x-xhieda ta' Inge DelFosse. Ladara l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, allura l-parti li pprovokat ir-referenza tgawdi mill-prezunzjoni tal-innocenza. Illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha u l-parti li pprovokat ir-referenza ghandha l-opportunita' li tiddefendi lilha nnfisha.

L-esponenti jissottometti li minkejja l-kwistjoni li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti hija mnissla minn referenza kostituzzjonali xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata intempestiva u prematura tenut kont li l-procedura kriminali ghadha ma gietx konkluza. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-26 ta' April 2013 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud** fejn osservat

illi "*Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi processwali appena elenkati, fost ohrajn, li jistghu jitqieghdu quddiemha fil-kors tal-process u ghalhekk certament il-fatt wahdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tieghu ghal riferenza lil din il-Qorti ma hux wahdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li ghalhekk hi ghal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti*".

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza ta' process gust.

   Illi l-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni bdiet erba' snin ilu ma jfissirx b'daqshekk li hemm dewmien ingustifikat. Tabilhaq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja procedura gudizzjarja, imma dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun.

   Illi proprju fil-kaz tallum id-dewmien ma jistax jitqies li huwa wiehed kapriccjuz jew irragonevoli izda huwa dovut minhabba n-natura u l-komplessita' tal-proceduri inkwisjoni u l-fatt li kien hemm numru ta' persuni li kellhom jitilghu jixhdu f'dan il-kaz inkluz persuni li jirrisjedu barra minn Malta liema xhieda gew Malta fizikament sabiex jixhdu f'din il-kumpilazzjoni.

Illi jekk wiehed jifli l-verbali tas-seduti li qed jinzammu waqt il-kumpilazzjoni wiehed isib lis-seduti nzammu b'mod regolari fejn ittellghu diversi xhieda biex jiddeponu. Ghalhekk certament li mhuwiex il-kaz li fil-proceduri kriminali kien hemm xi telf ta' zmien.

Illi kienet l-istess parti li pprovokat ir-referenza, kif l-istess parti infurmat lill-Magistrat li qed jisma' l-kumpilazzjoni, li mar il-Belgju u ghamel rapport kontra Inge DelFosse sabiex tigi investigata mill-awtoritajiet tal-Belgju. Illi kwalunkwe perdurar tal-kumpilazzjoni hija unikament attribwita lill-agir tal-parti li pprovokat ir-referenza u li certament li tali agir ma tistax jintuza bhala bazi ghas-sejbien ta' vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh gjust fi zmien ragjonevoli.

Illi in oltre, il-lanjanza kostituzzjonali odjerna kif mqanqla permezz ta' talba ghall- referenza certament li mhux qed jghinu biex il-kumpilazzjoni tinghalaq bil-heffa. Allura l-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qieghed jigi kkagunat mill-istess parti li pprovokat ir-referenza.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt wahdu li l-esponenti qieghed jinsisti li tinstema' x-xhud Inge DelFosse ma jwassalx b'daqshekk li kien hemm dewmien fil-process kriminali.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda '*time limit*' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi certament sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tal-parti li pprovokat ir-referenza, jinkombi fuq l-istess parti li pprovokat ir-referenza illi tipprova illi mhux biss il-kaz tieghu qed idum pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.

3. Ghaldaqstant, it-twegiba ghar-referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha tkun fis-sens li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

5. Bl-ispejjez kontra l-parti li pprovokat ir-riferenza.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi r-referenza tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar allegat leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex l-Avukat Ġenerali għadu ma ddikjarax il-provi tiegħu magħluqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit, minkejja li l-uniku xhud li għad jonqsu jressaq bhala prova, Inge Delfosse, qiegħda tirrifjuta li tixhed.

Il-fatti li taw lok għal din ir-referenza mhumiex kontestati. Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'Diċembru tal-2012. Il-kumpilazzjoni tal-provi li dwarhom tressaq taħt arrest ghada ma nghalqitx, anzi għadha fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u ilha hekk għall-aktar minn ħames snin. Il-prosekuzzjoni għadha ma ddikjaratx il-provi tagħha magħluqa għaliex jonqos li tressaq dan ix-xhud wieħed, Inge Delfosse, li tirrisjedi barra minn Malta u qiegħda tirrifjuta li tixhed allegatament sabiex ma tinkriminax ruħha. Ir-rikorrent jikkontendi li dan id-dewmien sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara l-provi tagħha magħluqa qiegħed

iwassal għal dewmien mingħajr bżonn fil-proċeduri kriminali pendenti kontrih b'mod illi qiegħed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti independenti u imparzjali fi żmien raġjonevoli a tenur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Din ir-referenza qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk jimporta li l-Qorti riferenti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, qieset li tagħmel ir-referenza wara li waslet għall-konklużjoni li t-talba tar-rikorrent ma kinitx waħda frivola jew vessatorja.

Il-lanjanza kostituzzjonali hija bbażata fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-ewwel sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġi irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b' liġi."*

Il-Qorti riferenti ssejjes din ir-referenza wkoll fuq l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea li jaqraw hekk:

> *"(1) Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.'*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b' lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(c) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid illi din ir-referenza hija intempestiva peress illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma ġewx konklużi.

Il-Qorti tirrileva li filwaqt illi huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kemm f'dik tal-Qrati tagħna li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha,[1] kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, deċiż fil-11 ta' April 2011, jista' jaghti l-kaz li episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-Qorti tistenna sakemm jintemm il-każ.

Fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et deċiża fil-25 ta' Settembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni..."*

[1] **Darren Aquilina vs Onor Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dimech vs Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015 fost oħrajn.

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70:

> "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall.*"

B'żieda ma dan, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri tat-22 ta' Frar 2013:

> "*dan il-każ inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet l-ismigħ quddiemha sakemm ikollha t-tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-Ewwel Qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jngħalaq il-proċess kriminali.*"

Hekk ukoll, fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2016 intqal proprju li:

> "*Kif hu saput din ir-referenza qed issir a bazi ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ghalhekk jimporta lil Qorti referenti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qieset li taghmel wara li waslet ghal konkluzzjoni lit-talba in ezami ma kienetx wahda la frivola jew vessatorja. Rizultat mod iehor kien iwassal ghal cahda minn naha tal-Qorti referenti. Dan il-punt waħdu ġja jinċidi sew fuq din il-vertenza ta' intempestivita` mressqa mill-Avukat Ġenerali. Illi ssegwi għalhekk li l-Qorti referenti ħasset ukoll dak li hu l-import ta' dan l-allegat ksur.*"

Fl-imsemmi każ Il-Pulizija vs Alvin Privitera il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> "*...meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod*

*tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib illi sabiex jiġi determinat jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, m'huwiex neċessarju li jiġu fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. L-ilment tal-lum jikkonċerna l-fatt illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, il-kumpilazzjoni tinsab effettivament wieqfa għaliex l-Avukat Ġenerali għadu ma ressaqx l-aħħar xhud li għad jonqsu sabiex ikun f'posizzjoni jagħlaq il-provi tiegħu. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistenna sakemm il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent jiġu fit-tmiemhom sabiex tikkunsidra jekk dan id-dewmien quddiem il-Qorti riferenti huwiex jew x'aktarx ser iwassal għal-leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan is-sens qiegħda tiġi miċħuda.

Imiss issa li jiġi kkunsidrat il-mertu l-ilment tar-rikorrent li ġie leż il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għalkemm il-Qorti riferenti ssemmi wkoll it-tielet sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma ġiex speċifikat taħt liema paragrafu ta' dan is-sub inċiż qiegħda ssir din ir-referenza. Il-Qorti tinnota li fl-ebda stadju matul il-proċeduri quddiemha ma saret referenza mill-partijiet għall-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, liema sub inċiż il-Qorti tqis huwa irrelevanti għal finijiet tal-ilment tal-lum. Għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis l-ilment tal-lum taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali tat-22 ta' April 2015, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli:

*“Illi ngħad ukoll b’awtorità mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż- żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma’ dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta’ kawża.*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta’ tħaris tal-istess regoli a skapitu ta’ xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta’ din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta’ tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b’mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta’ sistema effiċjenti ta’ amministrazzjoni ta’ ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B’żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta’ dewmien fis-smigħ ta’ kawża m’għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f’termini ferm usa’ li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b’danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f’għadd ta’ kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, “... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the*

*Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]"*

*Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]".*

*Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities..." magħdud ma' dawn ukoll "..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation" . Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali.*

*…*

*Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against*

*him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand".*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;"*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Gatt vs Avukat Ġenerali, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrent fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrent bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-*

*VII; Q.Kos. Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et, 28 Jannar 2013, para.22).*

*Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra."*

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, il-Qorti eżaminat il-verbali meħuda mill-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit. Il-Qorti sejra minn issa tiċċara li t-termini tar-referenza huma limitati għar-rigward tad-dewmien sabiex titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ix-xhud Inge Delfosse u mhux it-tul li qiegħda tieħu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier tagħha.

Jirriżulta li sad-data meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għamlet ir-referenza lil din il-Qorti saru sebgħa u tletin seduta. Ma sar xejn waqt sittax-il seduta li minnhom waħda biss kienet imputabbli għar-rikorrent.

Mill-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Qorti riferenti jirriżulta li fl-14 ta' Jannar 2016 xehdet l-aħħar xhud tal-prosekuzzjoni apparti Inge Delfosse. Wara din is-seduta saru tlett seduti oħra fejn ma sar xejn. Imbagħad, permezz ta' rikors datat 1 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrent għamel talba lill-Qorti riferenti għal referenza kostituzzjonali lil din il-Qorti.

Din il-Qorti osservat li fis-seduta tas-7 ta' April 2016 ġie vverbalizzat hekk:

*"Id-Difiża qed titlob illi l-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa peress illi l-unika xhud li jonqosha l-Prosekuzzjoni ġia ddikjarat li ħa tiprevalixxi ruħha mid-dritt tas-silenzju u għalhekk bid-dovut rispett il-Prosekuzzjoni qed ittawwal inutilment u abużivament.*

*L-Uffiċjal Prosekutur jirrileva illi din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja ma tistax f'dan l-istadju tddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa u dan peress li għadhom għaddejjin it-termini tar-Rinviji f'dawn il-proċeduri.*

*Il-Qorti wara li semgħet lill-partijiet jittrattaw it-talba tad-Difiża, tiċħad l-istess talba u dan peress illi l-proċedura ma tippermettix lill-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni bħala magħluqa fi stadju Istruttorja.*

*Dr Galea Farrugia nforma lill-Qorti li hu ser jimpenja ruħu sabiex jagħmel il-kuntatti kollha meħtieġa max-xhud Inge Delfosse biex jekk ikun il-każ din tixhed permezz ta' videolink mal-Awtoritajiet Belġjani."*

Minkejja li quddiem il-Qorti riferenti l-Avukat Ġenerali obbliga ruħu li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tittieħed id-deposizzjoni tax-xhud li għad jonqos, sal-ġurnata tal-lum, u ċioè sentejn wara li sar dan il-verbal, jidher li ma sar l-ebda progress u l-Avukat Ġenerali għadu jinsisti li titressaq din ix-xhud minkejja ż-żmien twil li għadda li matulu jidher li għadu ma sabx mezz sabiex jottjeni d-deposizzjoni tagħha.

Filwaqt illi huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija prekluża milli tiddikjara magħluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx illi l-istess prosekuzzjoni tista' tabbuża mill-iter proċesswali. Bla dubju, xejn ma jista' jwarrab il-fatt illi l-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti riferenti ilha għaddejja aktar minn ħames snin. Għalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien għall-finijiet tal-artikolu 6 li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak it-tul ta' żmien ukoll jitqies li huwa raġjonevoli, bħal meta l-każ ikun komplikat u jkun jeħtieġ investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xiehda, fil-każ tal-lum ma tressqet l-ebda prova li d-dewmien sabiex titressaq l-aħħar xhud huwa kawża ta' xi wieħed minn dawn il-fatturi.

Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrent ikkontribwixxa għad-dewmien fil-ġbir tal-provi fil-kumpilazzjoni. Huwa inaccettabbli l-argument tal-Avukat Ġenerali li għall-fatt li Inge Delfosse ma tridx tixhed jaħti b'xi mod ir-rikorrent li mar il-Belġju u għamel rapport kontriha mal-pulizija ta' hemmhekk. Dan b'żieda mal-fatt illi ma ġietx kontestata x-xhieda tal-Avukat Edward Gatt li spjega kif Inge Delfosse kienet diġà ddikjarat li ma tridx tixhed qabel ma sar ir-rapport mal-pulizija Belġjana. Lanqas ma huwa

tajjeb l-argument illi r-rikorrent qiegħed jikkawża d-dewmien hu għaliex talab din ir-referenza kostituzzjonali. Quddiem din il-Qorti l-Avukat Ġenerali naqas milli jġib prova li huwa jinsab f'posizzjoni llum li jressaq l-aħħar xhud tiegħu jew jagħlaq il-provi fil-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tqis illi kien jinkombi fuq l-Avukat Ġenerali, jekk dehrlu li kellu jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li għad-dewmien fil-proċeduri kriminali jaħti hu, biex iressaq provi sodisfaċjenti biex juri li d-dewmien ma kienx attribwibbli lilu u li hu għamel dak mistenni minnu sabiex titressaq u tixhed l-aħħar xhud li jonqosha l-prosekuzzjoni jew ghall-anqas jiġġustifika n-nuqqas ta' progress f'dal-aħħar snin.

Aġir li jirrispetta l-garanziji ta' smigħ xieraq fit-termini tal-artikolu 6 Konvenzjoni Ewropea ma jibqax konformi mad-dettami ta' smigħ xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal għal dewmien mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkużat.

Huwa minnu li kien hemm numru sostanzjali ta' xhieda li tressqu, imma meta wieħed iqis li l-każ beda jinstema' f'Diċembru tal-2012 u l-prosekuzzjoni għadha sal-lum m'għalqitx il-provi taghha minħabba li mhijiex f'posizzjoni tressaq lil Inge Delfosse sabiex tixhed, ma jistax ħlief iwassal lill-Qorti għall-konkluzjoni li dan huwa żmien twil iżżejjed u ċertament mhux raġjonevoli sabiex jiġu konklużi dawn il-provi.

L-Avukat Ġenerali baqa' sieket dwar x'beħsibu jagħmel sabiex jara li mill-aktar fis possibli jressaq l-aħħar xhud li għad jonqosha l-prosekuzzjoni, xhud li huwa tant iqis bħala kruċjali li qiegħed jirreżisti li jagħlaq il-provi tiegħu sabiex il-kumpilazzjoni tax-xhieda tkun tista' tkompli u tiġi konkluża. Il-Qorti hija perplessa kif l-Avukat Ġenerali ma spjegax għalfejn ma għamilx użu mill-għodod legali disponibbli għalih bħal ma hija l-ittra rogatorja jew il-provvedimenti tal-Att tal-Unjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali. Kien jispetta lill-Avukat Ġenerali sabiex jispjega lil din il-Qorti x'ghandu l-intenzjoni li jagħmel sabiex ikun f'posizzjoni jagħlaq il-provi tiegħu fl-atti tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent,

partikolarment fid-dawl ta’ allegat ksur ta’ drittijiet fundamentali.

Huwa opportun f’dan ir-rigward li ssir referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijet Joseph Lebrun vs Avukat Ġenerali tas-26 ta’ Mejju 2014:

> “*Inutli għall-Avukat Ġenerali li jgħid illi l-espert tekniku dam biex wettaq l-inkariku tiegħu u anzi baqa' ma wettqux għax ma kellux it-tagħrif kollu li kien jeħtieġ. L-Avukat Ġenerali kien imissu jew għamel dak li kellu jagħmel biex dak it-tagħrif jinġieb jew, jekk dan ma kienx legalment possibbli, joqgħod mingħajr il-prova relativa. Ċertament ma jistax iħalli l-proċeduri pendenti ad æternum sakemm forsi dik il-prova titfaċċa. Dan in-nuqqas isir aktar gravi meta tqis illi l-qorti lanqas biss kienet mgħarrfa bid-diffikoltajiet li kien qiegħed isib l-espert u tħalliet tagħti differiment wara ieħor bħallikieku kollox kien miexi sew.*
>
> *Il-verità hi illi daħlet il-prassi – ħażina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-każ bil-lajma, kultant tressaq xi xhud, kultant xi prova oħra u kultant lanqas biss tidher għas-seduta – bħallikieku din hija biss ħaġa fakoltativa – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi żmien ta' ġimgħat tieħu s-snin. Kulħadd jaqbel li din hija prassi ħażina u ma huwiex meħtieġ intervent leġislativ biex tinbidel, iżda xorta jibqa' jsir l-istess. L-argumenti mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan l-aggravju juru illi lanqas dak l-uffiċjal għadu ma jrid jifhem u jammetti li din hija prassi li għandha tinbidel, u minnufih.*
>
> *...*
>
> *Il-fatt illi l-att tal-akkuża ma jistax jinħareġ qabel ma jkunu nġabru x-xiehda ma jfissirx illi l-ġbir tax-xiehda jista' jiġġebbed minn sena għal oħra meta l-liġi trid illi, ħlief għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jintemm fi żmien ta' ġimgħat mhux ta' snin. Fil-fatt, fil-każ tal-lum ma nġabret ebda xiehda li ma setgħetx, li kieku l-proċedura tmexxiet b'għaqal u ħeffa, inġabret fi żmien ftit ġimgħat*.”

Dan kollu huwa applikabbli għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum. L-Avukat Ġenerali jrid jiddetermina kif ser jipproċedi - jew ser jottjeni d-deposizzjoni tax-xhud li għad jonqsu, malajr u bl-akbar effiċjenza, jew ser ikollu jipprocedi mingħajrha. Il-kumpilazzjoni tax-xhieda ma tistax tibqa' wieqfa indefinittivament bit-tama li xi darba tixhed Inge Delfosse.

Għalhekk u tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal għal konklużjoni li ġie leż d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni tal-aħħar xhud li għad jonqosha mill-aktar fis possibli, jew tipprocedi skond il-ligi mingħajr ma tressaq l-imsemmija xhud.

Din il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju m'għandhiex tkun hi li tiffissa terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq lix-xhud Inge Delfosse jew fin-nuqqas tordna lill-Avukat Ġenerali jipprocedi mingħajr id-deposizzjoni ta' din ix-xhud.

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Attard, deċiża fl-1 ta' Lulju 2004:

> "*Illi, kif ingħad f'okkazjonijiet oħrajn u aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jizgura proċess ġust u xieraq.*"

Għalhekk ser tħalli f'idejn il-Qorti riferenti bħala l-Qorti kompetenti sabiex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar kif għandhom jimxu 'l-quddiem il-proċeduri *de quo*, kif jippreskrivi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret din ir-riferenza.

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Silvio Zammit fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, senjatament illi qiegħed jiġi lez id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fil-11 ta' Lulju 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif provdut f'din ir-referenza.

Spejjeż jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG